**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

GUDIKATUR
DR MARSETTE PORTELLI XERRI LL.D.
LL.B, N.P, LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa, 6 ta' Diċembru, 2023**

Kawza Numru: 9/2023 (MPX)

**Rita Cassar**

**vs**

**Dr Deborah Camilleri noe**

**<u>Preliminari</u>**

It-Tribunal

Ra l-avviz tal-attur ipprezentat fid-19 ta' Lulju, 2023 fejn ippremetta : -

*"Għid inti konvenuta, għaliex ma għandekx tiġi kkundannata tħallas Iill-atturi, u iktar preċizamnt lill-attriċi l-ammont ta' Erbat elef u sitta u għoxrin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€4,026.42) u l-imgħaxijiet relativi mid-data tan-notifika tal-ittra ufficiali 274/2023 fl-istess ismijiet li seħħet f-10 ta' Mejju 2023, oltre l-ispejjeż ta' din il-proċedura u ta' dik l-ittra uffiċjali fuq imsemmija dovuta kif gej:*

*i. Kera tal-garaxx f'Tanglin Court, Triq Santu Pietru, Għarb, għax-xhur mill-1 ta' Dicembru 2022 sal-aħħar ta' April 2023 - €300;*
*ii. Kera tal-appartament numru sitta (6) f'Tanglin Court, Triq Santu Pietru, Għarb, għax-xhur mill-1 ta' Diċembru 2022 sal-aħħar ta' April 2023 - €3000;*
*iii. Tindif tal-appartament - €180;*
*iv. Trasport tal-oġġetti mobbli personali ta' Colin White - €80;*

v. *Kera ta' meter u konsum ta' dawl u ilma matul il-perijodu li dan l-appartament ma kienx fil-pussess tal-mittenti: €128.25*

vi. *Drittijiet tal-avukat in konnessioni mal-isforzi tal-mittenti sabiex tieħu lura l-pussess ta' ħwejjigħa - €354.*

*Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni, illi għaliha minn issa inti msejħa."*

Ra r-risposta tal-kuratrici deputata Dr Deborah Camilleri sabiex tirrapreżenta lil Colin White li wieġbet kif ġej:-

> *"Illi l-esponenti ma hijiex edotta mill-fatti li taw lok għal dawn il-proċeduri u qed tirriserva d-dritt li tintavola risposta ulterjuri meta u jekk ikun il-każ li tistabilixxi xi tip ta' kuntatt mal-eredi/ u jew nies interesati.*
>
> *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri"*

Ra l-atti kollha tal-process;

Sema' x-xhieda ta' Noel Vella, li bil-gurament tieghu spjega x'kien ix-xoghol esegwit minnu, u kkonferma wkoll l-ircevuta a fol. tmienja (8) tal-process, fl-ammont ta' tmenin Ewro (€80);

Sema' x-xhieda ta' Andrew Xuereb, in rapprezentanza tal-Awtorita` tad-Djar, li kkonferma r-registrazzjoni tal-kuntratt ta' kera mal-Awtorita` tad-Djar bejn l-attrici u Colin White, relattiv ghall-fond, ossia Penthouse 6, Tanglin Court, Triq Santu Pietru, Gharb, Ghawdex, liema registrazzjoni ggib in-numru 'LL 54228'. Sema' lill-istess xhud jispjega wkoll illi l-attrici kienet dahhlet it-terminazzjoni, fejn fuq il-formola relattiva infurmat lill-Awtorita` li l-inkwilin kien telaq mill-post. Sussegwentement, il-kuntratt gie terminat b'effett mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022).

It-Tribunal ra wkoll il-kuntratt ta' kera li ghalih saret referenza waqt ix-xhieda tar-rapprezentant tal-Awtorita` tad-Djar, fejn seta' jinnota li l-kirja kienet saret versu l-ammont mensili ta' hames mitt Ewro (€500), pagabbli bil-quddiem kull l-ewwel jum tax-xahar; li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma kellhom ikunu a karigu tal-inkwilin, u li l-inkwilin kien tenut ihallas ukoll ghaxar Ewro (€10) mensilment ghat-tindif tal-partijiet komuni tal-korp ta' bini li minnu tifforma parti l-propjeta` mikrija;

Sema' x-xhieda ta' Leanne Vella, in rapprezentanza tas-socjeta` ARMS Limited, fejn ikkonfermat bil-gurament taghha illi l-kont bin-numru 411000130219 huwa f'isem Rita Cassar, u relattiv ghall-fond bin-numru 6, Tanglin, Triq Santu Pietru, Gharb, Ghawdex;

Ra n-nota tas-socjeta` Automated Revenue Management Services Ltd, li permezz taghha gie indikat bhala l-persuna registrata fuq il-kont surreferit certa Colin William White;

Sema' x-xhieda tal-Avukat Dottor Carmelo Galea, li permezz taghha kkonferma l-proceduri legali esegwiti minnu ghan-nom tal-attrici, kif ukoll il-komunikazzjoni mizmuma mimmu ghan-nom tal-istess;

Ra n-nota pprezentata mill-Avukat Dottor Deborah Camilleri, fil-kwalita` taghha ta' kuratrici deputata mahtura sabiex tirrapprezenta l-eredita` gjacenti ta' Colin White, li permezz taghha pprezentat kopja ta' notifika elettronika, mil-liema jemergi li l-korrispondenza elettronika mibghuta minnha ma kinitx ghaddiet;

Ra d-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici, fejn spjegat illi kienet sabet lill-imputat mejjet fil-fond propjeta` taghha, u sussegwentement l-istess propjeta` giet issigillata; li kienet kostretta tinkariga avukat sabiex tkun tista' tiehu lura l-pussess tal-fond, u fejn tat spjegazzjoni wkoll tal-proceduri li kellhom jigu addottati. L-istess attrici affermat illi permezz tal-kawza odjerna hija qed titlob li tigi rimborzata l-ispejjez li hija inkorriet sabiex setghet tiehu lura l-pussess ta' hwejjigha, u dan skont l-ircevuti pprezentati fl-atti tal-istess, il-konvenut ta' liema ddikjarat bhala mhallas minnha. L-istess attrici ziedet tghid ukoll illi qed titlob il-hlas tal-kera pattwita sal-jum li fih hadet lura l-pussess ta' hwejjigha;

Ra n-nota tal-Ispettur Bernard Charles Spiteri, li permezz taghha rrileva li huwa la jaf u qatt ma kellu hjiel minn huma l-eredi ta' Colin White;

Ha konjizzjoni wkoll tal-affermazzjoni maghmula mill-Avukat Dottor Deborah Camilleri qua kuratrici deputata, verbalizzata waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru, 2023, li sa tali data hadd mill-eredi prezuntivi ma ghamel kuntatt maghha, u ghaldaqstant mhix f'posizzjoni li tressaq provi. Ra li fl-istess seduta l-partijiet qablu li t-Tribunal seta' jghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidra

L-ammont pretiz mill-attrici, cioe` dak fis-somma ta' erbat elef u sitta u ghoxrin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€4,026.42), jirrizulta bhala korroborat mill-ircevuti li gew ipprezentati, u mix-xhieda kollha moghtija;

Illi peress li din ix-xhieda m'hijiex kontestata, it-Tribunal jehodha bhala veritiera, u jqis, ghalhekk, li t-talba tal-attrici timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jordna lil konvenuta, fil-kwalita` taghha ta' kuratrici deputata thallas lill attrici is-somma ta' erbat elef u sitta u ghoxrin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€4,026.42) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez kollha a karigu tal-istess konvenuta.

(ft.) Dr. Marsette Portelli Xerri
*Gudikant*

(ft.) Rebekah Mizzi
*Deputat Reġistratur*

Vera Kopja

Għar-Reġistratu